

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni****(Każ COMP/M.5713 – Altor/Pharmacy Company Sweden 1 AB und Pharmacy Company Sweden 8 AB)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 280/12)

1. Fit-13 ta' Novembru 2009, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha Altor Fund III GP Limited (bħala Soċju Ġenerali tal-Altor Fund III (No 1) Limited Partnership, Altor Fund III (No 2) Limited Partnership u bħala maniġer tal-investment ta' Altor Fund III (No 3) Limited, Channel Islands) takkwista, fi ħdan it-tifsirra tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, permezz tax-xiri ta' ishma, il-kontroll kollu ta' Pharmacy Company Sweden 1 AB u Pharmacy Company Sweden 8 AB (l-Iżvezja).
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:
  - Altor Fund III huwa fond ta' investment ta' ekwità privata. L-Altor funds jikkonsistu minn tliet fondi ta' ekwità privata u l-portafolji rispettivi tagħhom ta' kumpaniji akkwistati. It-tliet fondi Altor ta' ekwità privata (Altor 2003 Fund, Altor Fund II u Altor Fund III) jiffukaw fuq l-investimenti fis-settur tas-suq medju tar-reġjun Nordiku u huma attivi fvarjetà ta' industriji,
  - Pharmacy Company Sweden 1 AB u Pharmacy Company 8 AB huma sussidjarji kollha kemm huma proprjetà tal-kumpanija statali ta' responsabbiltà limitata Żvizzera Apoteket AB, li għandha d-dritt esklussiv li tbiegħ il-farmaċewtiċi fis-suq Żvediż.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> ta' min jinnotta li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301 jew 22967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5713 – Altor/Pharmacy Company Sweden 1 AB und Pharmacy Company Sweden 8 AB, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32.